IT-TRIBUNAL TAL-BINI U L-KOSTRUZZJONI

Illum it-18 ta' Gunju, 2025

Rikors numru: BCT/24/2024

Membri:

Avukat Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil.

Perit Robert Sersero BE&A(Hons), A&CE

Ing. Anthony Camilleri B.Mech.Eng (Hons), FVCM (Hons) L. (Mus.) V.C.M. (Hons.), A. (Mus.) L.S.M.

Matthew Psaila

vs

Awtorita' tal-Bini u l-Kostruzzjoni

It-Tribunal,

Ra r-rikors tal-appell datata 17 ta' Marzu, 2025 fejn giet ikkontestata d-decizjoni tal-Awtorita` intimata datata 27 ta' Frar, 2025 li permezz taghha l-istess Awtorita` imponiet penali amministrattiva fl-ammont ta' hames mitt euro (€500) in vista ta' ksur tal-Legislazzjoni Sussidjarja 623.08 stante "Ksur tal-Legislazzjoni Sussidjarja 623.08: Nuqqas ta' moghdija koperta". Permezz ta' tali appell, l-appellanti "*jichad dan il-ksur u jqis l-imposizzjoni tal-penali hija ingusta u mhux gustifikata f'termini ta' dritt, peress li r-rikorrenti qaghad attent sabiex jikkonforma mar-rekwiziti regolatorji izda gie ostakolat minn fatturi li kienu barra mill-kontroll tieghu*", dana ghar-ragunijiet dettaljati moghtija fl-istess rikors.

Ra r-risposta tal-Awtorita' appellata li permezz tagħha wieġbet u eċċepiet is-segwenti:

1. *Illi l-Awtorità appellata qegħda umilment tissottometti li kwalunkwe deċiżjoni meħuda kienet in konformita' ma' dak rikjest mil-liġi, u kwindi korretta f'kull aspett;*

2. *Illi qeghdin jkunu prezentati Dok BCA1 – Trail of Event u Dok B – set ta' ritratti.*

3. *Illi minn Dok BCA2 jidher car li l-Awtorita` ghamlet kuntratt (sic) mal-appellanti diversi drabi sabiex jaderixxi mal-istruzzjonijiet taghha pero` dan kontinwament injora l-istess komunikazzjoni, u lanqas biss irrisponda. Jekk wiehed jara, l-ewwel komunikazzjoni li saret mill-Awtorita` kienet nhar 18/12/2024, fejn minn Dok B jidher li l-appellanti ghamel biss komunikazzjoni mal-kunsill lokali nhar 7/1/2025. Dan jfisser dewmen (sic) ikkontribwixxa ghalih l-appellanti wkoll.*

4. *Illi nonostante dan l-Awtorita` kellha timponi l-penali minhabba li l-komunikazzjoni taghha bdiet tigi injorata.*

5. *Ghaldaqstant fuq dak suindikat, l-Awtorita` appellata qieghda umilment titlob li dan l-Onor. Tribunal sabiex jichad l-appell odjern.*

6. *Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

Ra l-atti u d-dokumenti kollha.

Sema' x-xhieda tal-appellanti stess waqt is-seduta tas-7 t' April, 2025. Sema' wkoll ix-xhieda ta' Dylan Bonett waqt is-seduta tas-27 ta' Mejju, 2025.

Ra d-dokumenti ezebiti u d-deposizzjonijiet tax-xhieda kollha li tressqu quddiem it-Tribunal.

Ra li l-partijiet qablu li l-kaz jista' jithalla ghas-sentenza waqt is-seduta tas-27 ta' Mejju, 2025.

Ra wkoll l-kawza thalliet ghas-sentenza ghal-lum.

Ikkunsidra

Jirrizulta li l-Awtorita` qed takkuza lill-appellant bi ksur tal-Legislazzjoni Sussidjarja 623.08 senjatament b'nuqqas ta' moghdija koperta. Bl-appell tieghu l-appellanti jikkontendi li

> "*3. Illi specifikatament, mis-7 ta' Jannar, 2025, ir-rikorrent beda jikkorrispondi mal-Kunsill Lokali tas-Siggiewi sabiex jinkiseb in-'no objection' mitlub ghall-moghdija temporanja, kif mitlub mill-BCA u hekk kif anness u mmarkat Dok B.*
> *4. Illi dan ir-rekwizit tan-'no objection' kien mehtieg sabiex ir-rikorrenti ikun jista' jiehu azzjoni fuq il-moghdija koperta, izda minkejja s-segwitu kontinwu li sar mal-Kunsill Lokali, sa zmien l-imposizzjoni tal-penali, l-ebda rispons ma kien wasal minkejja t-tfakkira kontinwa min-naha tar-rikorrenti kif jixhdu l-korrispondenza f' Dok B.*
> *5. Illi konsegwentement rizultat tan-nuqqas t'azzjoni, ir-rikorrent sab ruhu f'posizzjoni fejn ma setax jagixxi minghajr in-'no objection' ufficjali, ghax kieku ghamel hekk, seta' jkun f'ksur iehor tal-ligi.*
> *6. Illi bhala rizultata dirett ta' dan id-dewmien burokratiku, l-Awtorita` tal-Bini u l-Kostruzzjoni imponiet mhux biss il-penali amministrattiva, izda wkoll stop notice fuq is-sit, li wassal ghal dewmien mhux gustifikat fil-progett.*"

L-Awtorita` prezentata *trail of event* minn fejn jirrizulta s-segwenti:

a. Intbaghtet l-ewwel email mill-ufficjal inkarigat bi struzzjonijiet sabiex isir *safe passageway* fit-18 ta' Dicembru, 2024. Din baqghet minghajr twegiba
b. Intbaghtet email ohra fis-6 ta' Jannar, 2025, din id-darba b'*deadline* sal-20 ta' Jannar. Din ukoll baqghet minghajr twegiba
c. Itbaghtet it-tielet email fis-17 ta' Jannar, 2025 bi tfakkira ghas-surreferit u din ukoll baqghet minghajr twegiba.
d. Fis-6 ta' Frar, 2025 gie nutat li l-istruzzjonijiet moghtija ma kenux gew segwiti u allura regghet intbaghtet email lill-appellanti bi struzzjonijiet u b'referenza ghad-deadline ulterjuri sat-13 ta' Frar, 2025.
e. Fl-14 ta' Frar, 2025, gie determinat, tramite *site inspection*, li s-*safe passageway* kien ghadu ma sarx u ghalhekk intbaghtet email ohra, din id-darba b'deadline tad-19 ta' Frar, 2025. L-appellanti wiegeb billi qal biss "*Will tackle shortly*."

f. L-Awtorita` jidher li giet infurmata ghall-ewwel darba bill-korrispondenza mal-Kunsill Lokali fil-21 ta' Frar, 2025 fejn kopja taghha intalbet mill-ufficjali inkarigat u nghatat biss fit-28 ta' Frar, 2025. Dakinhar inharget il-penali appellata.
g. Is-*safe passageway* gie determinat li sar waqt access fit-18 ta' Marzu, 2025.

L-ufficjali tal-Awtorita` xehed billi kkonferma s-surreferit. Fuq mistoqsija tat-Tribunal ikkonferma li b'*safe passageway* huwa kien qed ifisser dak li jidher f'zewg ritratti annessi mar-risposta tal-Awtorita` ossija passagg mal-art immarkat b'linji sofor mal-art u bil-*pole*.

Illi da parti tieghu, l-appellanti xehed u fisser kif "*Kien hemm skambju ta' korrispondenza mal-Kunsill Lokali fejn ahna pprovdejna xi pjanti. Ezatt kif kellna konferma dwar kif kellu jsir dan il-passagg mill-Kunsill Lokali inkluza l-persuna li giet rrakomandata lilna biex jaghmel dan il-passagg, l-ghada stess dan il-passagg kien sar. Nghid illi kien hemm dewmien anke minhabba l-fatt li bdejna ghaddejjin b'korrispondenza anke fir-rigward ta' senjaletika li kien hemm bzonn illi ssir fuq il-post u ghal dan kellna bzonn li nikkorrispondu mal-Kunsill Lokali.*"

Huwa ammetta wkoll li "*Kien hemm diversi drabi meta l-Awtorita` talbitna biex noholqu xi forma ta' passagg.*"

Illi t-Tribunal fela bir-reqqa l-Legislazzjoni Sussidjarja 623.08 biex jiddetermina abbazi liema disposizzjoni partikulari (wahda jew iktar minn wahda) kienet inharget il-penali amministrattiva odjerna. Fil-fatt jidher li, ghalkemm id-decizjoni appellata tirreferi ghal 'Nuqqas ta' moghdija koperta', dak li kien qed jigi rikjest mill-appellanti kien fil-fatt passagg sigur (*safe passageway*) b'bankina pedonali temporanja kif jixhdu r-ritratti ezebiti meta l-appellanti finalment ottempera ruhu mal-istruzzjonijiet tal-Awtorita`. F'dan ir-rigward il-para 7 tat-Tieni Skeda tal-istess LS tipprovdi testwalment is-segwenti:

> *7. Il-klijent għandu jiżgura li jkun hemm passaġġ sigur quddiem is-sit. Meta x-xogħlijiet jeħtieġu ostakolar tal-bankina pedonali, u din tkun approvata mill-Kunsill Lokali, għandha tiġi provduta bankina pedonali temporanja li ma għandha tkun ostakolata fl-ebda ħin:*
> *Iżda f'każ fejn bankina pedonali temporanja ma tkunx tista' tiġi mibnija, l-Awtorità għat-Trasport f'Malta għandha tipprovdi direzzjoni lill-klijent fuq kif għandu isir passaġġ sigur quddiem is-sit*

It-Tribunal jinnota li mill-provi prodotti rrizuta li l-Awtorita` l-ewwel li gibdet l-attenzjoni ghal dan in-nuqqas kien fit-18 ta' Dicembru, 2024. Jirrizulta wkoll, mill-istess *time-line*, li l-appellanti in kwantu maniger tas-sit naqas milli jwiegeb lill-ufficjal tal-Awtorita` anke meta dan tal-ahhar ripetutament fakkar lill-istess maniger bl-obbligu tieghu skont il-ligi u wkoll provdielu *deadlines* u koncessjonijiet f'dan ir-rigward sabiex jottempera ruhu.

Daqstant iehor jirrizulta car li l-appellanti beda l-azzjoni rikjesta minnu fis-7 ta' Jannar, 2025 u dana tramite email indirizzata lill-Kunsill Lokali tas-Siggiewi li dam xahar sabiex wiegeb u nforma lill-appellanti b'dak li kien mehtieg minnu ghall-ipprocessar tal-applikazzjoni tieghu. Jidher li l-Kunsill Lokali eventwalment approva x-xoghol pero`, kif tixhed l-email datata 28 ta' Frar, 2025 mill-appellanti lill-Kunsill Lokali, fil-frattemp, l-Awtorita` lahqet harget il-penali amministrattiva taghha oltre li waqqfet ix-xogholijiet fuq is-sit.

Illi mis-surreferit jirrizulta car li l-Awtorita` kienet gustifikata filli tohrog il-penali gjaladarba l-ufficjal sab sitwazzjoni ta' xoghol ta' kostruzzjoni ghaddej li jostakola il-passagg pedonali minghajr il-passagg temporanju mehtieg mil-ligi. Kien hemm ukoll nuqqas car da parti tal-appellanti li, kif eccepit mill-Awtorita` fir-risposta taghha ghazel li ripetutament jinjora l-komunikazzjoni li saret lilu mill-Awtorita` oltre l-fatt li "*jekk wiehed jara l-ewwel komunikazjoni li saret mill-Awtorita` kienet nhar it-18 ta' Dicembru, 2024 fejn minn Dok B jidher li l-appellanti ghamel biss komunikazzjoni mal-kunsill lokali nhar 7/1/2025. Dan jfisser lli dewmien ikkontribwixxa ghalih l-appellanti wkoll.*"

It-Tribunal ikollu tabilfors jaqbel ma' dak eccepit mill-Awtorita`, *multo magis* jekk wiehed jikkunsidra li mhux biss tali passagg sigur kellu jkun prezenti in situ hekk kif giet ingombrata il-bankina regolari imma wkoll l-Awtorita` stess kienet kortezi bizzejjed li tipprefiggi *deadlines* anke wara din id-data, b'estensjonijiet ghall-istess anke meta baqghet minghajr twegiba minghand l-appellanti stess.

Madanakollu t-Tribunal ma jistax ma jikkunsidrax li, minkejja n-nuqqas ta' komunikazzjoni mal-Awtorita`, l-appellanti kien tassew beda l-process biex jirrettifika s-sitwazzjoni fuq is-sit bit-talba lill-Kunsill Lokali diversi gimghat qabel ma nghatat id-decizjoni appellata. Skont il-ligi hawn fuq citata, huwa car li f'dan ir-rigward l-appellanti ma setax jagixxi wahdu imma kien jehtieg l-awtorizzazzjoni tal-Kunsill Lokali sabiex jipprocedi.

Tenut kont tas-surreferit, it-Tribunal isib li kien hemm certament nuqqas da parti tal-appellanti li jizgura sa minn qabel ma jibda x-xogholijiet li s-sitwazzjoni fuq is-sit tkun pjenament konformi ma' dak tassatttivament mehtieg mil-ligi, inkluz bil-passagg pedonali temporanju wara li jgib l-awtorizzazzjoni mehtiega. Madanakollu ma jistax jigi injorat li, debitament avzat, l-appellanti ma baqghax ghal kollox passiv imma agixxa biex jirrettifika s-sitwazzjoni. Kien hemm ukoll, kjarament, dewmien ingustifikat da parti tal-Kunsill Lokali biex imqar ifissru x'kien mehtieg min-naha taghhom u sabiex tinghatha d-debita awtorizzazzjoni.Dan kollu, lilhinn min-nuqqasijiet attribwibbli lill-istess appellanti, kkontribwixxa wkoll sabiex, fil-frattemp, tilhaq tinhareg il-penali amministrattiva.

Fic-cirkostanzi, it-Tribunal isib li ghalkemm l-Awtorita` kienet gustifikata fil-hrug tal-penali, hemm lok ghat-temperament tal-istess sabiex tirrifletti s-surreferit. It-Tribunal ihoss li jkun opportun li l-penali tigi ridotta ghas-somma ta' mitejn u hamsin euro (€250).

Decide

Għaldaqstant it-Tribunal, in vista tar-raġunijiet imsemmija hawn fuq qiegħed jilqa' l-appell sakemm kompatibbli mas-surreferit u kwindi qieghed, tenut kont tac-cirkostanzi partikulari ta' dan il-kaz, jirriduci l-penali amministrattiva ghas-somma ta' mitejn u hamsin euro (€250).

Dr Philip M. Magri	**Perit Robert Sersero**	**Ing. Anthony Camilleri**
Chairperson	Membru	Membru